**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 759/2022**
**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Audrey Micallef)**
**-Vs-**
**AXEL GRECH**

**Illum, 28 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **AXEL GRECH**, ta' 30 sena, iben Joseph u Maria nee' Magro, imwieled ġewwa Pieta' nhar id-29 ta' Awwissu 1992, u residenti ġewwa Marjos, Tal-Fortizza, Tal-Ħandaq, limiti ta' Żebbuġ (Malta) u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 0562792M, li ġie akkużat talli nhar l-4 ta' Novembru 2022 u fil-ġranet, ġimgħat u fix-xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet, u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b' diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda ;

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioe' Gail Cassar, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali

2. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioe' Gail Cassar fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali ta' fastidju sar b'mod li tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi

3. Aktar tali għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (mobile)

4. Aktar talli rendejt ruħhek reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġisrati (Malta), liema sentenza hija defenittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Ukoll talli nhar l-20 ta' Diċembru 2022 fis-01 :00pm, naqas milli jidher fl-uffiċċju tal-iSpettur Audrey Micallef ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Furjana, hekk kif ordnat mill-uffiċċju tal-kustodja nhar l-4 ta' Diċembru 2022.

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Axel Grech a benefiċju ta' Gail Cassar u l-familjari tagħha u dan fit-termini al-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Gail Cassar jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Axel Grech b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Liġijet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Axel Grech għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Art. 533 tal-Kap 9 tal-Liġjiet ta' Malta.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur taqra u tikkonferma bil-ġurament l-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' Ottubru 2023 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

Fl-artikoli 18, 251A (1)(a)(b), Art. 251H(1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 18, 251AA, 251H(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 49(a)(c) al-Att biex Jirregola Komunikazzjoni Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 355AL(4)(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2023 li m'għandux oġġezzjoni il l-każ jiġi trattat bl-proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2025;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli b'reati konnessi mal-imġieba tiegħu fil-konfront ta' Gail Cassar wara li r-relazzjoni ta' bejniethom spiċċat.

**Verżjoni ta' Gail Cassar**

Gail Cassar xehdet illi għamlet madwar disa' xhur f'relazzjoni mal-imputat, Axel Grech, iżda minkejja li kienu temmew ir-relazzjoni, baqgħu jitkellmu għaliex hi ma riditx tħassar minn miegħu fuq nota ħażina.

Xehdet illi f'Lulju 2022, wara li kienet temmet ir-relazzjoni mal-imputat, kienet bdiet tisma' xi ħaġa ddoqq fil-karozza tagħha kull darba li tistartja l-karozza u taqbad issuq, iżda ma kienetx taf minn fejn kien ġej. L-ewwel darba li semgħet il-ħoss kien nhar it-Tnejn, 4 ta' Lulju 2022 (Dok. GC2). Imbagħad dakinhar stess, il-mobile phone tagħha kien tella' notifika li kien hemm aġġeġġ fil-karozza li qed juri l-location tagħha lis-sid tal-aġġeġġ ('*AirTag Found Moving With you: The location of this AirTag can be seen by the owner'*)[1]. Għalkemm hija fittxet fil-karozza tagħha, ma rnexxilhiex issib dan l-aġġeġġ u għalhekk qabbdet lil ħabib tagħha li kien Pulizija biex ifittex fil-karozza u fit-8 ta' Lulju 2022 huwa kien sab AirTag moħbi fil-karozza. Meta s-serial number tal-AirTag ġie skenjat mill-Pulizija, dan wera li kien reġistrat fuq numru ta' mobile phone bl-aħħar erba' numri jkunu 0892, li huma l-istess numri tal-mobile tal-imputat (99298092).

Gail Cassar xehdet ukoll li s-Sibt ta' qabel kienet sabet AirTag fil-karozza tagħha, l-imputat kien insista li jibbukkjalha l-karozza biex tinħasel fl-istabbiliment tal-ħabib tiegħu, Matthew Bonello, li għandu car wash fl-istess triq fejn jinsab il-garaxx tal-

[1] Irċeviet notification oħra dwar il-presenza ta' AirTag il-Ħamis, 7 ta' Lulju 2022, Dok. GC3.

imputat u ta' sikwit kienet ħadet il-karozza tagħha għandu għall-ħasil. Għalhekk, meta ntsab l-AirTag fil-karozza tagħha biss ftit ġranet wara[2], kien ġieha suspett li kien l-imputat li kien poġġiha peress li ħadd iktar ma kellu aċċess għall-karozza tagħha.

Meta affrontat lill-imputat dwar l-AirTag li nstab fil-karozza tagħha, hu kien ammetta li kien poġġiha hu stess iżda qalillha li kien għamel hekk għaliex ħaseb li ser tweġġa' lilha nnifisha, u ried ikun jaf fejn tkun qiegħda ħalli jekk tinzerta tkun marret x'imkien 'il bogħod jew x'imkien fejn ma tiffrenwentax, ikun jista' jagħtiha l-għajnuna.

Dakinhar li instab l-AirTag fil-karozza tagħha, Gail Cassar għamlet rapport lill-Pulizija fit-8 ta' Lulju 2022 flimkien ma' PC 1479 Pierre Luigi Pace (NPS GHQ/GBDV/966/2022)[3], fejn dakinhar stess waqt li kienet qed tagħmel ir-rapport, irċeviet ċirka ħamsin telefonata mingħand l-imputat. Hija kienet wieġbet waħda minn dawn it-telefonati fil-presenza tal-Pulizija, fejn l-imputat staqsieha għaliex ma kienetx wieġbet il-mobile.

Gail Cassar spjegat illi f'dawk il-ftit ġranet meta t-*tracker* kien istallat fil-karozza tagħha, qabel dan ġie lokalizzat, inzertat lill-imputat qed isuq warajha l-Imsida, u dan proprju meta kienet marret tiltaqa' mal-Pulizija li kellu jfittex għall-AirTag fil-karozza tagħha.

Imbagħad f'Settembru 2022 kienet ħarġet tiekol ġo restaurant il-Belt ma' ħutha, u t-tifla ta' oħtha qaltilha li rat lill-imputat. Hi kienet ikkonfrontatu u għalkemm għall-ewwel kien ċaħad, in segwitu kien ammetta li kien hu. F'Ottubru 2022, kienet ġewwa l-istabbiliment Havana u rat lill-imputat, fejn kien ħa jkollu xi jgħid mal-persuna li kienet magħha. F'okkażjoni oħra, ukoll f'Ottubru, fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta' Ottubru 2022, l-imputat kien bagħtilha ritratt tagħha stess meħud minn wara

---

[2] L-AirTag instab minn PC1479 Pierre Luigi Pace, li xehed li dan kien moħbi wara l-plastic covering mal-bieb fil-footwell tan-naħa tal-passiggier tal-vettura ta' Gail Cassar. Ara xhieda ta' PC 1479 tal-20 ta' Marzu 2023.
[3] Ara xhieda PC 575 Mark Tonna, 20 ta' Marzu 2023.

ġewwa Paceville fejn kienet tinsab dak il-ħin stess ma' persuna oħra.  Meta kienet nieżla lura d-dar mal-ħabib tagħha iktar tard dak il-lejl stess, rat il-karozza tal-imputat dieħel qabilhom fit-triq fejn toqgħod u bdiet tibża' għaliex ma ridtix iddaħħal lil ħaddieħor fl-inkwiet bla bżonn.  Għalhekk, kienet ċemplet lil ħuha, marret tiltaqa' miegħu u baqgħu deħlin id-dar flimkien.  L-imputat kien għadu qed jistenna ħdejn id-dar meta marru lura d-dar.

Gail Cassar xehdet illi kienet ħassret ir-ritratt li kien bagħtilha l-imputat minn fuq il-mobile phone tagħha u minn dak iż-żmien 'l hawn kienet bidlet ukoll il-mobile bin-numru b'kollox.  Matul ix-xahar ta' Ottubru l-imputat kien ċemplilha biex jgħidilha wkoll li kien raha ma' persuna oħra u qalilha li kienet qed taqlibhielu meta fil-verita' ma kienux għadhom flimkien f'relazzjoni.  Fissret li ma kellhiex xi tgħid lill-imputat ħlief li ma riditux jibqa' sejjer hekk, anke għall-ġid tiegħu stess, u riditu jifhem li r-relazzjoni tagħhom kienet spiċċat.  Qalet ukoll li ma riditx tagħmillu l-ħsara iżda xtaqitu jifhem li ma tridx inkwiet.

Imbagħad f'Novembru 2022 l-imputat kien qabad u daħal fuq il-post tax-xogħol tagħha u ratu f'żona fejn suppost kellhom aċċess biss il-ħaddiema tal-post[4]. Dakinhar stess, kien ċemplilha xi ħamsin darba min-numru tal-mobile tiegħu 99298092[5], u dan permezz ta' telefonati normali, WhatsApp kif ukoll Facebook messenger.  Ma setgħetx twieġeb it-telefonati kollha għaliex kienet ix-xogħol u ma riditx twieġeb lanqas għaliex l-imputat dejjem jibki biex jerġgħu jipprovaw flimkien.  Fil-fatt, meta weġbitu beda jgħidilha biex terġa' tagħtih ċans u li kien ser jinbidel.  Dak iż-żmien in-numru tal-mobile phone tagħha kien 99140140.  Fissret li meta rċeviet dawk it-telefonati kollha ħassitha "*magħluqa ġo gaġġa*".

Dan kollu seħħ bejn Lulju u Ottubru 2022 għaliex wara l-4 ta' Novembru 2022 l-imputat ma baqax jikkuntattjaha.

---

[4] Daniele Selvaggi, kollega ta' Gail Cassar, xehed illi Axel kien mar staqsa għaliha fuq il-post tax-xogħol iżda ma kienetx hemm dak il-ħin.  Hu kien qal lil Gail b'dan meta ġiet ix-xogħol u qaltlu li sejra tirrapporta lill-Pulizija għaliex kien qed jiġri warajha.  Xhieda tal-24 ta' April 2023.

[5] Charmaine Zammit, in rapprezentanza ta' Epic Communications Limited, xehdet lin-numru 99290892 huwa reġistrat f'isem Axel Grech, detentur tal-karta tal-identita' numru 562792M.

Xehdet illi f'dawn l-istanzi kollha, inkluż meta saret taf li l-imputat kien istalla *tracker* fil-karozza tagħha, ma ħassithiex sigura u baqgħet tħoss "*qisu xi ħadd jiġri warajja ... ma nħossnix safe*". Ippreċiżat ukoll li għalkemm l-imputat qatt ma refa' idejh fuqha xorta waħda kienet tħoss qiesu hemm xi ħadd qiegħed isegwiha l-ħin kollu.

Gail Cassar għamlet rapport lill-Pulizija fl-4 ta' Novembru 2022 rigward dak li kien seħħ fil-lejl bejn it-2 u 3 ta' Ottubru 2022 fejn kienet sejra lura d-dar minn Paceville u rat il-karozza tal-imputat tagħlaq it-triq fejn toqgħod ma' ommha u missierha. Irrapportat ukoll l-episodju li seħħ ġimagħtejn qabel id-data tar-rapport, fejn l-imputat qabad argument ma' ħabib tagħha meta kienu fl-istabbiliment Havana ġewwa Paceville, kif ukoll l-episodju li seħħ fl-4 a' Novembru 2022 meta sabitu fuq il-post tax-xogħol tagħha u in segwitu kien ċemplilha ripetutament bejn 03:57h u 19:00h fl-istess ġurnata.[6]

**<u>Verżjoni tal-Imputat, Axel Grech</u>**

**Waqt l-interrogazzjoni li saritlu fl-4 ta' Diċembru 2022**, l-imputat ikko-opera bis-sħiħ u wieġeb għad-domandi kollha li sarulu wara li kien ikkonsulta wkoll mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. Huwa stqarr li kien ilu f'relazzjoni ma' Gail Cassar bejn sena u sena u nofs iżda mill-bidu kienu jiġġieldu ħafna, l-iktar għaliex kienet taħseb ħażin fih u tgħir meta kien jikkomunika ma' omm ibnu u jmur jara lil ibnu. Stqarr illi min-naħa tiegħu kien jiddejjaq meta Gail kienet tilbes ħwejjeġ issikati, qosra u skullati u hi kienet tisma' minnu. Qal ukoll li kien ried li Gail tieqaf mix-xogħol tagħha u tibda taħdem miegħu fil-ħanut li għandu ġewwa Ħal Qormi fejn kien ibiegħ spare parts tal-BMW, liema ħanut kien biss pass 'il bogħod minn fejn kienet toqgħod, u kien ukoll ħdejn il-ħanut t'oħtha. Hu ried ukoll ikabbar in-negozju tiegħu kif ukoll ried iqatta' iktar ħin ma' Gail għaliex ma kellux wisq ħin biex jagħmel dan minħabba l-impennji tax-xogħol tiegħu.

---

[6] Ara NPS GHQ-GBDV/1793/2022 u xhieda ta' PS 2345 Daniela Healey, 20 ta' Marzu 2023.

L-imputat fl-istqarrija tiegħu jaqbel illi huwa kien qal lil Gail biex tieħu l-karozza tagħha biex taħsilha għand ċertu Matthew Bonello u mhux l-ewwel darba li Gail kienet tħalli lil Matthew ċ-ċwievet tal-karozza tagħha biex jaħsilhielha. Jaqbel ukoll li darba minnhom kien ibbukkjalha l-karozza għall-ħasil għand l-istess Matthew Bonello iżda kienet qaltlu li ma kienx hemm bżonn iżda mbagħad kienet qablet li l-karozza kellha bżonn titnaddaf. Jaqbel ukoll li Gail kienet tagħtih iċ-ċwievet tal-karozza tagħha biex ikun jista' jsuqha u mhux l-ewwel darba li kien saqha.

Skont l-imputat, huma kienu temmew ir-relazzjoni bejniethom fil-25 ta' Mejju 2022 iżda wara xi erba' ġimgħat reġgħu bdew jitkellmu u jiltaqgħu sal-aħħar ta' Ottubru 2022. Kienu anke marru jieklu flimkien, kien jagħmlilha breakfast filgħodu, kienu jitkellmu bil-video call fuq Whatsapp filgħaxija u kellhom ukoll x'jaqmsu flimkien sesswalment, filwaqt li fit-18 ta' Awwissu 2022 kienu qattgħu il-ġurnata flimkien. Stqarr li ħafna mid-drabi kien iċemplilha hu stess iżda ġieli kien jgħidilha biex iċċempel hi: xi kultant kienet iċċempel iżda kien hemm drabi fejn qaltlu li ma kellhiex aptit titkellem.

Rigward l-AirTag li nstab fil-karozza ta' Gail, l-imputat stqarr li dak huwa tiegħu u kien xtrah minn ħanut ġewwa Ħal Qormi, u stqarr ukoll li hu kien waħħal l-AirTag fil-karozza ta' Gail taħt id-*dashboard* fuq in-naħa tal-passiġġier u kien istallah ukoll fil-mobile phone tiegħu. Stqarr madankollu illi kien għamel dan minħabba li meta kienu għadhom flimkien Gail kienet dejjem tgħidlu li xebgħet tgħix u li "*riedet tinfaqa' ġo ħajt u dawn l-affarijiet*" u permezz tat-*tracker* seta' jkun jaf jekk tkun weġġgħet lilha nnifisha u jagħtiha l-ewwel għajnuna.

L-imputat stqarr li f'dan il-perijodu ta' żmien, kien inzerta lil Gail meta kien għaddej bil-karozza, fosthom ġewwa Ta' Xbiex meta kien ra l-karozza tagħha pparkjata fil-car park ta' Mamma Mia: hemmhekk kien reġa' dar id-dawra u mbagħad raha ħierġa mill-parkeġġ. Stqarr li kien waqqafha u talabha biex ipejpu

sigarett flimkien u kien daħal fil-karozza tagħha. Darb'oħra meta kien għaddej mad-dawra tax-xatt f'Marascala kien ra lil oħtha f'Summer Nights iżda kien baqa' għaddej. Ċaħad li kien jaf fejn kienet Gail minħabba li kien hemm l-AirTag imwaħħal fil-karozza tagħha. Ammetta wkoll li f'okkażjoni oħra kien mar ifittex lil Gail fil-ħanut ta' oħtha iżda sostna li dan kien normali għaliex għandu l-garaxx fl-istess triq, filwaqt li darb'oħra kien mar ifittixha fuq il-post tax-xogħol tagħha għaliex kienet ilha xi tliet ijiem ma tkellmu.

L-imputat ammetta li kien ħassar l-application mill-mobile phone tiegħu dakinhar li beda jissuspetta li Gail kienet intebħet bil-presenza tal-AirTag. Stqarr ukoll li meta rrejalizza li Gail ma kienetx ser tieħu gost li kien poġġa it-*tracker* fil-karozza bil-moħbi tagħha, kien ammetta magħha li kien għamel AirTag fil-karozza tagħa u ried juriha fejn kien poġġih iżda sadanittant kienet diġa' sabitu u neħħietu. Stqarr illi ommha u missierha ma rieduhiex tibqa' tiltaqa' miegħu u kienu jgħajjruha għaliex hu kellu t-tfal ma' mara oħra, u Gail kienet qaltlu li xebgħet tgħix, anke wara li kienu temmew ir-relazzjoni tagħhom u dan meta missierha kien għarafha f'ritratt li huwa kien tella' fuq Facebook meta kienu ħarġu jieklu flimkien. Dakinhar kien inqala' ħafna inkwiet għaliex lil ommha u missierha kienet qaltilhom li kienet ħarġet ma' ħabiba tagħha u mhux miegħu.

L-imputat iddikjara wkoll illi għalkemm kien ipprova jispjega lil Gail ir-raġuni għaliex kien għamel it-*tracker* fil-karozza tagħha, u dan biex jieħu ħsiebha, hi ma emmnitux u qatlu li kienet konvinta li kien għamel dan biex jara fejn tkun qiegħda. Qaltlu "*Thank you imma ma kellekx għalfejn. Naf nieħu ħsieb tiegħi nnifsi*."

Mistoqsi għaliex fil-lejl bejn it-2 ta' Ottubru 2022 u t-3 ta' Ottubru 2022 huwa kien għalaq it-triq fejn tirrisjedi Gail, bil-karozza tiegħu[7], l-imputat filwaqt li ċaħad li kien għalaq it-triq, spjega illi kien ipparkjat faċċata tat-triq fejn toqgħod Gail u ra lilha u lil ħuha fil-karozza tal-istess ħuha gejjin it-triq u deħlin fil-garaxx, u hu niżel

[7] L-imputat iddikjara li huwa jaqbel illi jsuq BMW li hija reġistrata f'isem ommu Maria Grech.

mill-karozza tiegħu, beda miexi lejhom u lil Gail qalilha "*ejja ħa nkellmek, ejja ħa nkellmek naqra*" iżda bdew jgħidulu biex imur id-dar.

Stqarr ukoll li fl-4 ta' Novembru 2022 huwa kien mar fuq il-post tax-xogħol ta' Gail ġewwa Tas-Sliema biex ifittixha "*għall-aħħar darba*" biex jipprovaw jirranġaw, iżda hi bdiet tgħidlu li ma jistgħux iżda ħallietu jgħannaqha. Imbagħad kien telaq 'l hemm. Jaqbel li dakinhar huwa ċemplilha wieħed u ħamsin (51) darba bejn 3:57h u 19:00h sija mill-mobile u sija wkoll minn messenger fuq Facebook, iżda sostna li Gail kienet wieġbet uħud minn dawn it-telefonati fejn qaltlu "*X'ġara dawn it-telefonati kollha?*" Stqarr illi huwa kien baqa' jċempel għaliex ħaseb li ma kienetx qed tisma' l-mobile idoqq.

**L-imputat għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda**. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti huwa sostna li kien ilu f'relazzjoni ma' Gail Cassar għal madwar sena iżda r-relazzjoni spiċċat għaliex Gail kienet tgħir ħafna meta kien jitla' Għawdex biex jara t-tifel tiegħu, kienet takkużah li mhux qed ikun fidili lejha, u kienu jispiċċaw jiġġieldu. Kien hemm problemi wkoll min-naħa tal-ġenituri tagħha li ma rieduhiex tibqa' miegħu minħabba li għandu tfal minn ħaddieħor. Gail bdiet tgħidlu li ddejjqet u xebgħet tgħix u li trid tmur taqbeż minn x'imkien u għalkemm qatt ma għamlet xejn, huwa kien daħħal f'rasu li kellu jagħmel *tracker* fil-karozza tagħha sabiex jekk jara li Gail ma tkunx kellmitu, ikun jaf fejn qiegħda u jekk ikollhiex bżonn l-għajnuna. Kienu anke marru flimkien għand professjonist biex jgħinhom bil-problemi fir-relazzjoni. Dak iż-żmien ma kienx jaf fejn qiegħed magħha bħala relazzjoni u ried iserraħ rasu għaliex kien inkwetat għaliha. Meta kien jgħidilha li qed jinkwieta għaliha, kienet tgħidlu li taf tieħu ħsieb lilha nnifisha u ma kellux għalfejn jinkwieta. Sostna wkoll li anke wara li kienu temmew ir-relazzjoni, huma xorta waħda kienu jitlaqgħu bil-moħbi tal-ġenituri tagħha u kien f'dan iż-żmien li kien poġġa t-*tracker* fil-karozza ta' Gail; dan meta kienet daħħlet il-karozza tagħha biex tinħasel fil-*car wash* ta' ħabib tiegħu. Ma kienx uriha li kien għamel *tracker* fil-karozza tagħha iżda meta ndunat bih hu kien ikkonfessa magħha li kien għamel dan it-*tracker* u qalilha b'kollox. Wara dan l-episodju ma kienux iltaqgħu iktar.

L-imputat iddikjara li qatt ma kellu intenzjoni li jweġġa' lil Gail u kkonferma li qatt ma heddidha jew kien vjolenti magħha. Illum qiegħed f'relazzjoni ma' ħaddieħor u ma għandu ebda kuntatt ma' Gail Cassar.

L-aħħar darba li kien talab lil Gail biex jipprovaw jirranġaw ir-relazzjoni kien meta mar fuq il-post tax-xogħol tagħha mingħajr ma kien avżaha. In segwitu ġie arrestat u ma kellux iktar kuntatt magħha. Qal ukoll li meta kien iċempel lil Gail, ġeneralment kienet twieġbu speċjalment meta kien iċemplilha qabel imur jorqod, u mhux dejjem kien iċemplilha diversi drabi wara xulxin.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli bir-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9, li huwa r-reat ta' fastidju, kif ukoll bir-reat separat tal-fastidju li jammonta għas-segwiment bil-moħbi tal-persuna kif maħsub fl-artikolu 251AA tal-istess Kap. 9.

Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-artikolu 251A tal-Kap. 9, jipprovdu li jkun ħati tar-reat tal-fastidju, persuna li:

(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew
(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;

Is-subartikolu (2) tal-artikolu 251A jippreċiża illi persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk, fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-kondotta li tikkostitwixxi r-reat ta' fastidju ma ġietx definita espressament fil-Kodiċi Kriminali u huwa biss l-artikolu 251Ċ li b'riferenza, *inter alia*, għar-reat taħt l-artikolu 251A, jipprovdi deskrizzjoni tal-imġieba li jista' jammonta għal fastidju: "*Fl-artikoli 251A sa 251BA, it-tnejn inklużi, riferenzigħall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata'jew idejjaq lill-persuna.*"

**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.) jiddekskrivi l-kondotta li jammonta għal fastidju, hekk[8]:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"*[9]

F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, ġie ritenut:-

---

[8] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.

[9] **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) 2.05.2013. Enfasi ta' din il-Qorti.

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "**Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose**", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli.****"*[10]

L-istess Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[11], qalet ukoll:-

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

... ... ...

... ***Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi***."[12]

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Denise Falzon**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tfisser:-

"*... hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. ... Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li*

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.
[11] Deciża 21.6.2007.

*jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa*."[13]

L-imputat ġie mixli illi kkaġuna fastidju lil Gail Cassar fl-4 ta' Novembru 2022 kif ukoll il-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel. Il-Qorti fliet il-provi u x-xhieda u hija moralment konvinta dwar il-ħtija tal-imputat dwar ir-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9. Dan qed jingħad għaliex Gail Cassar xehdet dwar diversi istanzi u episodji fejn, wara li kienet temmet ir-relazzjoni bejniethom, kienet ta' sikwit tinzerta lill-imputat f'postijiet fejn ma kienetx tistenna tiltaqa' miegħu, u fir-rigward xehdet dwar (i) episodju fost oħrajn, li seħħ f'Ottubru 2022 meta rat lill-imputat ġewwa l-istabbiliment Havana fejn qabad argument mal-persuna li kienet miegħu, kif ukoll (ii) episodju ieħor li wkoll seħħ f'Ottubru, fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta' Ottubru 2022, meta l-imputat kien bagħtilha ritratt tagħha stess meħud minn wara ġewwa Paceville fejn kienet tinsab dak il-ħin stess ma' persuna oħra u ratu dieħel bil-karozza fit-triq fejn kienet toqgħod meta kienet sejra lura d-dar dak il-lejl stess. Gail Cassar xehdet li hija beżgħet meta rat li l-imputat kien ħdejn ir-residenza tagħha, tant illi ċemplet lil ħuha biex imorru d-dar flimkien. L-imputat kien għadu qed jistenna ħdejn id-dar meta marru lura d-dar iżda hi baqgħet dieħla ġewwa mingħajr ma kellmitu. Dan l-episodu tal-aħħar huwa ammess mill-imputat li kkonferma li huwa mar jistenniha għaliex ried ikellimha iżda hi kienet qaltlu biex imur id-dar.

Huwa evidenti li minkejja Gail Cassar kienet ipprovat tfiehem lill-imputat li r-relazzjoni tagħhom kienet spiċċat u ma kienetx interessata li terġa' tidħol f'relazzjoni miegħu, u wrietu wkoll li ma riditux jibqa' jiġri warajha biex jirranġaw, l-imputat baqa' jġib ruħu bl-istess mod. Kemm hu hekk, huwa ammetta fl-istqarrija tiegħu li fl-4 ta' Ottubru 2022 kien mar għall-għarrieda "*għall-aħħar darba*" fuq il-post tax-xogħol ta' Gail Cassar biex ikellimha u jipprova jikkonvinċiha biex jirranġaw u ammetta wkoll li dakinhar stess kien ċemplilha 51 darba fuq il-mobile phone tagħha bejn 3:57h u 19:00h. Fir-rigward, Gail Cassar xehdet illi meta ddeċidiet li twieġeb waħda minn dawn it-telefonati, l-imputat beda jgħidilha biex

[13] 29 ta' Novembru 2018.

terġa' tagħtih ċans u li kien ser jinbidel. Gail Cassar kienet ċara fix-xhieda tagħha illi ma riditx twieġeb it-telefonati tal-imputat għaliex kien il-ħin kollu jibkilha biex jirranġaw u meta rċeviet dawk it-telefonati kollha ħassitha "*magħluqa ġo gaġġa*". Xehdet illi kollox magħdud, din l-imġieba tal-imputat nissel fiha sensazzjoni li qed tiġi segwita u ġiegħlitha wkoll tħossha mhux sigura.

Il-Qorti tissenjala illi l-fatt illi Gail Cassar setgħet aċċettat li tiltaqa' mal-imputat kultant żmien jew twieġeb t-telefonati tiegħu minkejja li ma kienux għadhom f'relazzjoni, u ma riditx tispiċċa fuq nota ħażina miegħu jew tiġġieled miegħu, ma jagħti ebda jedd lill-imputat li jġib ruħu b'mod li evidentement kien qed idejjaq lill-vittma u jikkaġunalha wkoll qies ta' ansjeta', billi jsegwiha u jfeġġ għall-għarrieda fil-postijiet kienet tiffrekwenta.

Dan kollu qed jingħad mingħajr ma ttieħed in konsiderazzjoni l-fatt, ammess mill-imputat innisfu, illi ftit wara li kienet temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, f'Lulju 2022, huwa kien istalla *tracker* ossia AirTag fil-karozza ta' Gail Cassar li bih seta' jsegwi l-movimenti tagħha. Mhux kontestat illi dan it-*tracker* ġie istallat fil-karozza bil-moħbi tagħha, wara li l-imputat kien ipperswadiha biex tieħu l-karozza biex tinħasel għand ħabib tiegħu. Fil-fatt, jirriżulta mill-provi illi xi jumejn biss wara li l-imputat kien istalla t-*tracker* fil-karozza tagħha, kien waqqaf lil Gail Cassar meta kienet ġewwa Ta' Xbiex u talabha biex ipejjpu sigarett flimkien. Għalkemm l-imputat ċaħad li kien istalla l-AirTag fil-karozza tagħha sabiex jista' jsegwi l-movimenti tagħha, il-Qorti ma tqisx li din il-verżjoni hija verosimili.

Ibda biex l-imputat ammetta fl-istqarrija li meta kien ra l-karozza ta' Gail ipparkjata fil-car park ta' Mamma Mia, hu reġa' dar id-dawra, waqqafha kif kienet ħierġa mill-parkeġġ u daħal fil-karozza tagħha. Inqas verosimili hija l-iskuża mogħtija mill-imputat għad-deċiżjoni tiegħu li jistalla *tracker* bil-moħbi ta' Gail Cassar fil-karozza tagħha, u l-Qorti ma tqisx li tista' tagħti ebda piż lill-allegazzjoni pwerili tiegħu li dan kien għamlu għas-sigurta' tagħha stess minħabba li kien imħasseb li setgħet tweġġa' lilha nnifisha. Kieku tassew kien hemm xi biża' dwar l-inkolumita' fiżika

tal-vittma, tracker fil-vettura tagħha ma setax raġjonevolment jipprevjeni li tagħmel ħsara lilha nnifisha, u f'kull każ ma tqisx li dan l-allegat tħassib tal-imputat fir-rigward, jikkostitwixxi raġuni valida li tiġġustifika l-aġir klandestin tiegħu. Magħdud dan kollu l-fatt illi l-allegazzjoni baqgħet mhux sostanzjata bl-ebda mod u mqiegħda fil-kuntest tal-imġieba tal-imputat b'mod ġenerali u tal-fatt illi kienet Gail Cassar stess li ma riditx li jerġa' jkollha relazzjoni mal-imputat, il-Qorti m'hi xejn affattu konvinta bil-veraċita' tagħha.

Kif taraha l-Qorti, huwa evidenti li l-imputat ma setax jaċċetta t-terminazzjoni tar-relazzjoni ma' Gail Cassar u minflok fehem iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom ir-relazzjoni ma setgħetx titkompla, iffissa fiha u wkoll abbuża mir-rieda tajba tagħha li ma tiksirhiex miegħu u ma jispiċċawx fuq nota ħażina - dan billi poġġiha regolarment, f'diversi okkażjonijiet separati bejn Lulju u Novembru 2022, taħt pressjoni inġusta biex tirranġa miegħu, b'kondotta persistenti u oppressiva li kkaġuna lill-vittma tiegħu dwejjaq u biża' u ansjeta'. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat kien jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu fir-rigward tal-parti offiża kienet ta' fastidju għaliha, għaliex mill-ottika ta' persuna raġjonevoli li jkollha informazzjoni dwar l-imġieba dubjuża tal-imputat, din l-imġieba titqies li tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra[14]. Fuq kollox, l-imputat naqas milli jiġġustifika din il-kondotta bħala waħda raġjonevoli jew legali li tirrientra fil-qafas tal-paragrafi (a) sa (ċ) tal-artikolu 251A(3) tal-Kap. 9 u, impoġġija fir-retroxxena tat-terminazzjoni tar-relazzjoni u l-kilba tiegħu li jerġa' jirrikonċilja ma' Gail Cassar, f'din l-imġieba tal-imputat huma riskontrabbli l-elementi kollha tar-reat tal-fastidju taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika l-aggravanti fil-piena maħsuba fil-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 251H tal-Kap. 9 li jiddisponi li l-

---

[14] Art. 251A(2) tal-Kap. 9.

piena għad-delitt inkluż dak taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9 għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'każ li tirriżulta waħda jew iktar mis-segwenti ċirkostanzi:-

*(a) id-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha;*

*...*

*(b) id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament; ...*

Huwa stabbilit u f'kull każ mhux kontestat, illi l-imputat kien f'relazzjoni mal-vittma għal madwar sena, liema relazzjoni kienet spiċċat fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat u għalhekk, billi Gail Cassar hija s-sieħba ta' qabel tal-imputat, huwa ravviżabbli l-aggravanti maħsub fil-paragrafu (a).

Il-Qorti madanakollu ma taqbilx li fiċ-ċirkostanzi jsibu riskontru ċ-ċirkostanzi maħsuba fil-paragrafu (b) tal-istess artikolu 251H, għaliex filwaqt li ma jirriżultax li l-imputat diġa' ġie kkundannat fil-passat għad-delitt tal-fastidju, la fil-konfront ta' Gail Cassar u lanqas fil-konfront ta' persuna oħra, għandu jiġi puntwalizzat illi l-kondotta ripetuta u għalhekk, l-element repetittiv, huwa fih innifsu wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat tal-fastidju li mingħajru ir-reat ma jistax jissussisti. Għalhekk, il-fatt li l-provi juru li l-imputat seta' aġixxa b'mod li ta fastidju lill-vittma f'iktar minn okkażjoni waħda, ma jgħoddx bħala ċirkostanza aggravanti fit-termini tal-paragrafu (b) tal-artikolu 251H għaliex meħudin separatament dawn l-okkażjonijiet, mhux neċessarjament inisslu reita' għad-delitt ta' fastidju.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa mixli wkoll bir-reat ta' fastidju konsistenti speċifikatament f'segwiment ta' persuna oħra bil-moħbi (*stalking*), liema reat huwa ipotetizzat espressament fl-artikolu 251AA tal-Kap. 9.

Jingħad illi meta l-fastidju jkun akkumpanjat minn imġieba da parti tal-aġent li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, ir-reat jitqies li huwa iktar gravi u huwa punibbli b'mod iktar sever. Hawnhekk il-leġislatur ħa ħsieb jiddefinixxi espressament l-imġieba li tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u fir-rigward, is-subartikolu (2) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9 jipprovdi illi l-imġieba ta' persuna jkun jikkostitwixxi segwiment ta' persuna bil-moħbi jekk l-imġieba tissodisfa s-segwenti rekwiżiti kollha, b'mod kumulattiv, ċioe' li:-

(a) tammonta għal fastidju ta' dik il-persuna,

(b) tikkostitwixxi xi wieħed mir-reati msemmija fis-subartikolu (3),

(ċ) dik il-persuna, li twettaq dik l-imġiba, taf jew imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra, u

(d) tikkostitwixxi kondotta ripetuta li ġġiegħel lill-persuna l-oħra li tibża' għas-sigurtà tagħha.

Biex att ikun jikkostitwixxi segwiment bil-moħbi ta' persuna oħra, il-paragrafu (b) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9, fuq imsemmi, jeħtieġ li dan ikun jirrientra f'xi waħda mill-azzjonijiet deskritti fil-paragrafi (a) sa (g) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9, fosthom li wieħed jagħmel kuntatt, jew jittanta jagħmel kuntatt ma' persuna bi kwalunkwe mezz[15], u wieħed jitlajja fi kwalunkwe post, kemm pubbliku jew privat[16].

Issir referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **Il-Pulizija vs Paul Lughermo**[17] fejn ġie ritenut:-

*"Din il-Qorti hija moralment konvinta li dan huwa każ partikolari ta' fastidju li jieħu l-forma ta' insegwiment. Issa f'dan il-każ il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat ir-reat ta' fastidju ġenerali taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti kienet tilqa' din it-teżi tal-Prosekuzzjoni li kieku din il-kawża kienet magħmula qabel id-daħla fis-seħħ tal-Artikolu 251AA bl-Att XXIV tal-2014.*

[15] Paragrafu (a) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9

[16] Paragrafu (e) tal-artikolu 251AA(3) tal-Kap. 9.

[17] Deċiża 19 ta' Diċembru, 2016

*Bis-saħħa ta' dak l-Att ir-reat ta' fastidju taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali assuma aktar minn qatt qabel il-karattru ta'* genus *b'tipoloġija ta' azzjonijiet li sa dakinhar setgħu ikunu klassifikati li jaqgħu taħtu issa jiġu misluta u konċentrati f'reati* ad hoc *li jassumu karattru ta'* species*."*

Fl-istess sentenza intqal ukoll:

"*Meta l-fattispecie jkunu għalhekk tali li jagħtu lok għal dan ir-reat, il-Prosekuzzjoni trid taddebita dan ir-reat lill-imputat u mhux ir-reat ta' fastidju ġereriku, anke jekk dak jikkostitwixxi l-*genus.

*Ladarba l-Liġi tippreskrivi* species *ta' reat, il-Prosekutur għandu jaddebita dak l-*ispecies *u mhux jistrieh fuq il-*genus. *Ma kienx l-iskop tal-Leġislatur li joħloq dan ir-reat speċifiku u fl-istess waqt iħalli li l-Prosekuzzjoni tkompli titmexxa in bażi għar-reat ġeneriku. Dan ir-reat ġie maħluq speċifikament sabiex dik il-fattispecie partikolari tas-segwiment tiġi indirizzata speċifikament b'reat* ad hoc *u b'pieni maġġorati in kwantu huma ogħla minn dawk preskritti fir-rigward tar-reat tal-fastidju ġeneriku.*

*Għalhekk minkejja li r-reat ta' fastidju taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali huwa l-*genus, *bil-mod ta' kif ġie promulgat l-Artikolu 251AA, tal-Kodiċi Kriminali, inkluż kemm bil-fatt li : -*
*(a) dan ir-reat li huwa bażat fuq fattispecie li titnissel u li tinkwadra ruħha fil-parametri tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali tant li l-imġieba tal-Artikolu 251A trid tkun saħansitra wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' segwiment,*
*(b) kif ukoll minħabba li l-piena preskritta għar-reat ta' segwiment hija maġġuri għal dik infliġġenda fil-każ ta' fastidju ġeneriku,*
*ma jistax jingħad li r-reat ta' segwiment huwa reat minuri iżda kompriż u involut fir-reat ta' fastidju. ..."*

Fl-istess vena, is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mark Heath**, deċiża fit-28 ta' Settembru 2023:

*Nonetheless, this Court does not agree that the course of conduct amounting to stalking can be completely detached from the generic crime of harassment under article 251A. Indeed, while it is true that stalking constitutes a specific and aggravated crime and not merely one of the examples of harassment, one of its constitutive elements as defined in article 251AA(1), is precisely a course of conduct in breach of article 251A(1) of the Criminal Code, that is harassment. Only that, for the crime of stalking to subsist, proof of additional and distinct formal elements and material acts, is required. After all, harrassment is a course of conduct which, despite amounting also a separate offence, comprises one of the essential elements of the crime of stalking: Blackstone, cited earlier on, describes "the practice of stalking ... [as] arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193)".*

Stabbilit dan kollu, il-Qorti sejra tistħarreġ il-provi tal-Prosekuzzjoni biex jiġi stabbilit jekk fl-aġir tal-imputat kif deskritt minn Gail Cassar fix-xhieda tagħha, u kif joħorġu mill-provi l-oħra proċesswali, humiex riskontrabbli l-elementi kollha tar-reat tal-fastidju konsistenti fis-segwiment bil-moħbi tal-istess parti offiża.

Illi kif diġa' ġie stabbilit, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova b'suċċess l-elementi kollha tar-reat tal-fastidju li jifforma r-rekwiżit tal-paragrafu (a) tal-artikolu 251AA(1) tal-Kap. 9 u l-paragrafu (a) tal-artikolu 251AA(2) tal-Kap. 9. Iżda billi l-fastidju u l-imġieba li tikkostitwixxi l-fastidju huma biss wieħed mill-elementi li kollettivament isawru r-reat tas-segwiment bil-moħbi ta' persuni taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk ir-rekwiżiti l-oħra tas-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9 humiex sodisfatti biex tinstab ħtija wkoll għar-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi.

Diġa' ġie stabbilit fil-kunsiderazzjonijiet li saru għall-fini tar-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9, li l-imputat kien jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu fir-rigward tal-parti offiża kienet ta' fastidju għaliha. Barra minn hekk, ġie stabbilit ukoll li l-imġieba tal-imputat fil-perijodu Lulju sa Novembru 2022 tikkostitwixxi kondotta ripetuta li ġiegħlet lil Gail Cassar tibża' għas-sigurta' tagħha għaliex, fi kliemha, bdiet tħoss li qed tiġi segwita l-ħin kollu. Dan l-element ta' biża' huwa wkoll oġġettivament riskontrabbli fil-fatt li Gail Cassar fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta' Ottubru 2022 ħasset li kellha bżonn tidħol id-dar akkumpanjata minn ħuha biex tevita lill-imputat, u l-fatt li ħasset li kellha tirrapporta din l-imġieba oppressiva tal-imputat lill-Pulizija f'żewġ okkażjonijiet separati.

Jonqos biss għalhekk li jiġi stabbilit jekk l-imġieba tal-imputat tinkwadrax f'wieħed mill-atti msemmija espressament fis-subartikolu (3) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9 bħala att li jitqies bħala att ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi. Fil-fehma tal-Qorti, ir-risposta hija fl-affermattiv għaliex huwa ppruvat bix-xhieda ta' Gail Cassar, u bl-ammissjoni tal-imputat innifsu, li kkommetta att ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi konsistenti (i) f'li għamel kuntatt jew ittanta jagħmel kuntatt ma' Gail Cassar permezz ta' telefonati, kif ukoll billi jfeġġ għall-għarrieda f'postijiet iffrekwentati minnha biex ikellimha[18] u (ii) f'li qagħad jispija fuqha permezz tal-AirTag li istalla fil-karozza tagħha bil-moħbi tagħha[19], li permezz tiegħu seta' jsegwi l-movimenti tagħha elettronikament. F'dan l-aġir il-Qorti tirravviża każ klassiku ta' segwiment ta' persuna oħra bil-moħbi, ossia r-reat ta' *stalking*.

Għaldaqstant, billi jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat ukoll taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9, l-imputat sejjer jinsab ħati wkoll ta' dan ir-reat speċifiku, bl-applikazzjoni tal-aggravanti tal-piena taħt l-artikolu 251H(a) tal-Kap. 9 iżda mhux ukoll taħt il-paragrafu (b), għar-raġunijiet diġa' kkunsidrati qabel fil-kuntest tal-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9.

---

[18] Artikolu 251AA(3)(b) tal-Kap. 9.
[19] Artikolu 251AA(3)(ġ) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reat taħt l-artikolu 49 tal-Kap. 399. Dan jipprovdi:-

*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih. Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtulok għal reat taħt dan l-Att.*

M'hemmx dubju f'dan il-każ, stabbilit anke *ex admissis* li huwa ċempel lil Gail Cassar fuq il-mobile phone tagħha ripetutament, ben wieħed u ħamsin (51) darba f'ġurnata waħda biss, illi l-imputat intenzjonalment uża network ta' komunikazzjoni elettronika kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Kap. 399, b'mod mhux xieraq għaliex dejjaq lill-istess Gail Cassar tant illi weġbitu darba waħda biss u ħassitha oppressa tant li marret tirrapporta l-fastidju lill-Pulizija dakinhar stess.

Madanakollu, huwa assodat illum fil-ġurisprudenza in materja illi l-frażi "*użu iehor mhux xieraq*" fil-paragrafu (a) tal-artikolu 49 tal-Kap. 399, ma jfissirx kwalunkwe użu jew kull offiża, insult, theddid jew kelma żejda, iżda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar strett biex tirreferi b'mod ewlieni għal theddid ta' estorsjoni u attivitajiet illeċiti u tal-kommissjoni ta' reat. Fil-każ in diżamina l-Qorti ma riskontrat ebda prova li l-imputat meta ċempel lil Gail Cassar, hedded li ser

jikkommetti xi reat kriminali.  Għall-kuntrarju, Gail Cassar xehdet li l-imputat qatt ma heddidha bl-ebda mod.

Billi għalhekk m'humiex rikonstrabbli l-estremi maħsuba fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 49 tal-Kap. 399, l-imputat mhux sejjer jinstab ħati tal-imputazzjoni bin-numru 3.

Ikkunsidrat;

Illi in sostenn tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-Prosekuzzjoni ressqet fl-atti kopja informali ta' ċitazzjoni ta' kawża tal-Pulizija (Dok. AM7) li biha ġie mħarrek Axel Grech, detentur tal-karta tal-identita' numru 562792M, u verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2019 fejn jirriżulta li l-imputat Axel Grech, insab ħati tar-reati taħt l-artikoli 338(q) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, ġie mogħti twissija kif ukoll ġie obbligat b'garanzija tiegħu nnifsu għal penali ta' €1,000 għal sena.  Ma nġibitx kopja awtentikata tal-imsemmija dokumenti u fil-fehma tal-Qorti, ebda minn dawn id-dokumenti ma jikkostitwixxi 'sentenza' mogħtija skont il-liġi, u konsegwentement lanqas m'huma idonei bħala prova ta' kundanna għal reat b'sentenza ,kif meħtieġ għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9. Wisq inqas dawn id-dokumenti ma jiswew għall-prova tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9 billi f'kull każ, il-ħati fl-imsemmija proċeduri ma ġiex ikkundannat għal delitt iżda għal reati ta' natura kontravvenzjonali.

L-istess konsiderazzjonjiet jgħoddu ugwalment b'referenza għad-dokumenti esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur komplessivament bħala Dok. AM9, konsistenti f'ċitazzjoni tal-kawża tal-Pulizija li biha ġie mħarrek Axel Grech, detentur tal-karta tal-identita' numru 562792M, u l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2019 fejn jirriżulta li Axel Grech ġie misjub ħati, preżumibbilment, tar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.  Ma nġibitx kopja awtentikata tal-imsemmija dokumenti u fil-fehma tal-Qorti, ebda minn dawn id-dokumenti ma jikkostitwixxi 'sentenza'

mogħtija skont il-liġi, u konsegwentement lanqas m'huma idonei bħala prova ta' kundanna għal reat b'sentenza ,kif meħtieġ għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9.

Iċ-ċitazzjoni tal-kawża tal-Pulizija fil-konfront ta' Axel Grech detentur tal-karta tal-identita' numru 562792M, u l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 2019 fejn jirriżulta li Axel Grech ġie misjub ħati talli ħebb għal Nick Spagnol u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa, fejn ingħata ordni għal liberazzjoni kondizzjonata taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446, ukoll ma jiswewx bħala prova tal-addebitu tar-reċidiva għaliex hawnhekk ukoll ma nġabitx kopja ta' sentenza debitament awtentikata mid-deputat reġistratur tal-qorti li erogat is-sentenza. Fi kwalsiasi każ, ma jirriżultax li l-ħati fil-proċeduri msemmija ġie kundannat, kif meħtieġ għall-prova tar-reċidiva, għaliex kif inhuwa risaput, is-sanzjonijiet komunitarji maħsuba taħt l-Att dwar il-Probation ma jammontawx għal kundanna jew piena; għall-kuntrarju dawn jingħataw, testwalment, meta ma jkunx spedjenti li titwaħħal ebda piena u minflok piena[20].

Filwaqt li huwa minnu li l-Assistent Reġistratur xehdet dwar sentenza li ngħatat fl-ismijiet **Il-Pulizja v. Axel Grech** fil-11 ta' Lulju 2017 minn din il-Qorti diversament preseduta, li minnha ma kienx ġie interpost appell, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma pproduċietx kopja ta' din is-sentenza u għalhekk hija nieqsa prova sodisfaċjenti li din is-sentenza ingħatat fil-konfront tal-imputat odjern.

Huwa minnu wkoll li l-Prosekuzzjoni ressqet fl-atti l-fedina penali tal-imputat, li mad-daqqa t'għajn jidher li hija waħda pjuttost oneruża, iżda din ma tiswix bħala prova tal-addebitu tar-reċidiva għaliex kif ġie diversi drabi ritenut in materja:-

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*

---

[20] Ara artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446.

*Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ....".* [21]

Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll, fil-ħames imputazzjoni, bir-reat taħt l-artikolu 355AL(5) tal-Kodiċi Kriminali.

L-artikolu 355AL(3) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li persuna tista' tinħeles mill-kustodja bla ħsara għall-kondizzjonijiet, li għandhom jitniżżlu bil-miktub u jiġu ffirmati mill-persuna li tkun se tinħeles, li ma tippruvax jew tagħmel xi ħaġa biex taħrab minn Malta mingħajr l-awtorità tal-uffiċjal investigattiv li kienet ġiet arrestata taħt l-awtorità tiegħu, u li jkollha tattendi f'xi Għassa tal-Pulizija u f'xi ħin hekk kif l-uffiċjal tal-kustodja jista' jaħtar. Is-subartikolu (5) tal-istess artikolu mbagħad jiddisponi illi kull min jonqos milli jħares xi kondizzjoni imposta fuqu meta huwa jinħeles mill-kustodja wara li kien qed jinżamm f'detenzjoni mill-Pulizija, ikun ħatita' kontravvenzjoni.

Fir-rigward, l-Ispettur Audrey Micallef xehdet illi fl-4 ta' Diċembru 2022 kienet arrestat lill-imputat bis-saħħa ta' mandat ta' arrest maħruġ fid-9 ta' Novembru 2022 (Dok. AM2) u wara l-interrogazzjoni kienet irrilaxxatu fuq police bail. Tatu appuntament biex imur fl-uffiċċju tagħha ġewwa s-Sezzjoni GBDV fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fl-20 ta' Diċembru 2022 fis-1.00 p.m., skont kif jirriżulta mill-

[21] **Il-Pulizija vs Jason James Agius** – deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001.

Police Bail Conditions Form (Dok. AM4)[22], iżda l-imputat baqa' ma tfaċċax. Ikkonfermat illi għalkemm ippruvat tagħmel kuntatt telefoniku miegħu, ma setgħetx taqbdu.

Il-Qorti tirravviża l-konkorrenza tal-elementi kollha tar-reat kontravvenzjali taħt l-artikolu 355AL(5) tal-Kodiċi Kriminali fin-nuqqas da parti tal-imputat li jħares il-kondizzjoni imposta fuqu permezz tal-avviż bil-mitkub iffirmat minnu fl-4 ta' Diċembru 2022 u mill-uffiċjal tal-kustodju, ċioe' li jirrapporta fl-uffiċju tas-Sezzjoni GBDV fl-20 ta' Diċembru 2022 fis-1.00 p.m. u għaldaqstant, għandu jinsab ħati tal-ħames imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena fuq sejbien ta' ħtija għar-reati taħt l-artikoli 251A u 251AA tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat, minkejja li m'għandux fedina penali netta, iko-opera bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni tant illi ammetta minnufih u bla tlaqliq għal bosta mill-atti kostituttivi tal-kondotta li tat fastidju lil Gail Cassar. Sinjifikanti wkoll il-fatt illi ma jirriżultax li l-imputat qatt kien vjolenti fil-konfront tal-vittma tiegħu, li min-naħa tagħha enfasizzat fix-xhieda tagħha li huwa qatt ma heddidha jew beżżagħha b'xi imġieba vjolenti jew aggressiv. Kemm hu hekk, Gail Cassar ikkonfermat fix-xhieda tagħha[23] li ma ħassitx il-bżonn li jittieħdu miżuri legali jew ġudizzjarji fil-konfront tal-imputat, speċifikatament il-ħruġ ta' Ordni taħt l-artikolu 412Ċ tal-Kap. 9, għall-protezzjoni tas-sigurta' tagħha u tabilħaqq abbażi ta' din id-dikjarazzjoni ġie deċiż li ma kienx hemm lok f'dak l-istadju għall-ħruġ tal-Ordni ta' Protezzjoni mitluba mill-Prosekuzzjoni. Ma jirriżultax mill-provi proċesswali li din il-pożizzjoni nbidlet sal-lum u l-imputat fix-xhieda tiegħu ikkonferma li llum jinsab f'relazzjoni ma' persuna oħra u ma għandu l-ebda kuntatt ma' Gail Cassar, tant illi xehed li

[22] Iffirmat minn PS 1540 u PC 402. Id-difiża espressamente eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lill-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija biex jikkonfermaw il-firma rispettiva tagħhom fuq id-dokument, permezz ta' dikjarazzjoni reġistrata matul is-seduta tal-4 ta' Jannar 2023.
[23] 4 ta' Jannar 2023.

għalkemm xi sitt xhur ilu kienet għamlet kuntatt miegħu, kien iddeċieda li jwaqqaf kull komunikazzjoni magħha.

In konklużjoni il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-reati kommessi mill-imputat kienu xprunati, indubbjament, mill-inabilita' jew ir-rifjut tiegħu li jaċċetta t-terminazzjoni tar-relazzjoni tiegħu ma' Gail Cassar u d-delużjoni korollari li kien għad jeżisti lok għal rikonċilazzjoni. Huwa manifest li l-imputat, li mill-provi jirriżulta li kien iġib ruħu b'mod possessiv fil-konfront ta' Gail Cassar, ma għarafx is-sinjali evidenti li għalkemm hija riedet iżżomm xejra ta' ħbiberija miegħu, ma riditx tkompli fir-relazzjoni miegħu u minflok żviluppa ossessjoni li xprunat imġieba mhux raġjonevoli u ta' fastidju.

Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat għandu bżonn fuq kollox, għajnuna biex jeghleb id-delużjonijiet emozzjonali, irażżan imġibitu u jitgħallem jimmaniġġja b'mod iktar effiċjenti is-sentimenti tiegħu, biex ma jerġax jimxi b'kondotta li tagħti fastidju f'kuntest ta' tmiem ta' relazzjoni u b'hekk jista' jitbiegħed mill-kriminalita' – dan qed jingħad ukoll in vista tal-fatt li l-imputat jirriżulta li diġa' xxellef difrejh mal-ġustizzja diversi drabi u diġa' ngħata sanzjoni komunitarja taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation f'żewġ okkażjonijiet, b'żieda ma' sentenza sospiża u diversi multi.

Għalhekk il-Qorti tqis li f'dan l-istadju, biex jintlaħaq dan il-għan, ikun opportun li l-imputat jitqiegħed taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal tal-Probation biex jiġi assikurat li jingħata u li jieħu l-għajnuna professjonali li jeħtieġ għall-bżonnijiet appena identifikati, kif ukoll li jiġi sorveljat b'mod strutturat sabiex jiġu indirizzati sfidi oħrajn li jistgħu b'hekk jiġu identifikati bħala fatturi kontributorji tal-imġieba kriminali li mexa biha.

Il-Qorti hi għalhekk sodisfatta li s-sorveljanza tiegħu minn uffiċjal tal-probation hija mixtieqa fl-interess li jiġi assikurat li l-imputat iżomm 'il bogħod minn kriminalita',

jikkontrolla l-imġieba tiegħu u jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa li jeħtieġ biex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat taħt l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17, 31, 251A(1)(a)(b), 251AA, 251Ċ, 251H(a) u 355AL(8) tal-Kodiċi Kriminali, issib lil AXEL GRECH ħati tal-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation (Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għal żmien tmintax (18)-il xahar, taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħtija kontestwalment li tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu miegħu jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu li ma jimolestax u ma jdejjaqx lil Gail Cassar taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għal żmien tnax (12)-il xahar.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**